# Qorti Civili
# (Sezzjoni tal-Familja)

## Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

## Illum 27 ta' Ottubru 2016

Rikors Guramentat Nru. 211 / 14RGM

Kawza fil-lista: 30

**A B**
**vs**
**L-Avukati Dr Anthony Stellini u l-Prokuratur Legali Quentin Tanti li b'digriet tal-5 ta' Awwissu 2014 gew appuntati bhala kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-assenti C D E B u permezz ta' digriet datat 28 ta' Jannar 2015 l-Avukat Anthony Stellini gie sostitwit bl-Avukat Alessandro Lia**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attrici li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

<u>Dikjarazzjoni</u>

1. Illi l-partijiet, A B, u C D E B, izzewgu nhar is-sitta (6) ta' Ottubru, elfejn u tlieta [2003), kif jrrizulta mic-Certifikattaz-Zwieg taghhom;

2. Illi minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal;

3. Illi l-intimat C D E B abbanduna lill-esponenti f'Settembru tas-sena elfejn u ghaxra (2010) billi telaq minn Malta u prezentament huwa ghadu assenti minn Malta;

4. Illi l-intimat C D E B halla warajh somma sostanzjali ta' dejn li qieghed jithallas unikament mill-esponenti;

5. Illi l-fond Degla, Triq l-Ghaxra ta' Settembru, Qormi serva bhala dar matrimonjali fiz-zwieg bejn il-kontendenti, liema fond huwa propjeta' parafernali tal-esponenti;

6. Illi l-esponenti giet awtorizzata li tintavola dawn il-proceduri permezz ta' Digriet ta' din l-Onorabbli Qorti tad-disgha u ghoxrin (29) ta'Awwissu, elfejn u erbatax (2014);

7. Illi r-rikonciljazzjoni bejn il-partijiet mhiex possibbli u ghalhekk kellha ssir din il-kawza bl-ispejjez kontra l-intimat;

8. Illi f'dawn il-proceduri l-Avukat Dr Simon Micallef Stafrace u l-PL Nadine Farrugia gew assenjati bhala l-Avukat u l-Prokuratur Legali tal-esponenti. L-esponenti qed tuzufrixxi mis-servizz tal-Ghajnuna Legali;

9. Illi f'dawn il-proceduri, permezz ta' digriet ta' din l-Onor. Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) datat hamsa (5) ta' Awwissu 2014, l-Avukat Dottor Anthony Stellini u l-PL Quentin Tanti, gew nominati bhala Kuraturi Deputati ghall-Assenti C D E B

<u>Raguni tat-Talba</u>

L-attrici tikkonferma bil-gurament is-segwenti fatti li taf hija personalment:

1. Illi l-partijiet, A B, u C D E B, izzewgu nhar is-sitta (6) ta' Ottubru, elfejn u tlieta [2003), kif jrrizulta mic-Certifikattaz-Zwieg taghhom;

2. Illi minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal;

3. Illi l-intimat C D E B abbanduna lill-esponenti f'Settembru tas-sena elfejn u ghaxra (2010) billi telaq minn Malta u prezentament huwa ghadu assenti minn Malta;

4. Illi l-intimat C D E B halla warajh somma sostanzjali ta' dejn li qieghed jithallas unikament mill-esponenti;

5. Illi l-fond Degla, Triq l-Ghaxra ta' Settembru, Qormi serva bhala dar matrimonjali fiz-zwieg bejn il-kontendenti, liema fond huwa propjeta' parafernali tal-esponenti;

6. Illi l-esponenti giet awtorizzata li tintavola dawn il-proceduri permezz ta' Digriet ta' din l-Onorabbli Qorti tad-disgha u ghoxrin (29) ta'Awwissu, elfejn u erbatax (2014);

7. Illi r-rikonciljazzjoni bejn il-partijiet mhiex possibbli u ghalhekk kellha ssir din il-kawza bl-ispejjez kontra l-intimat;

8. Illi f'dawn il-proceduri l-Avukat Dr Simon Micallef Stafrace u l-PL Nadine Farrugia gew assenjati bhala l-Avukat u l-Prokuratur Legali tal-esponenti. L-esponenti qed tuzufrixxi mis-servizz tal-Ghajnuna Legali;

9. Illi f'dawn il-proceduri, permezz ta' digriet ta' din l-Onor. Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) datat hamsa (5) ta' Awwissu 2014, l-Avukat Dottor Anthony Stellini u l-PL Quentin Tanti, gew nominati bhala Kuraturi Deputati ghall-Assenti C D E B.

<u>Talbiet</u>

Ghaldaqstant jghid ghalhekk l-intimat ghaliex din l-Onor. Qorti m'ghandhiex –

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti konjugi ghar-ragunijiet premessi imputabbli lill-intimat;

2. Tiddikjara li l-intimat iddekada minn kull jedd ghall-manteniment tieghu skont il-ligi;

3. Tiddikjara illi l-fond Degla, Triq l-Ghaxra ta' Settembru, Qormi li serva bhala dar matrimonjali fiz-zwieg ta' bejn il-kontendenti, huwa propjeta' parafernali tal-esponenti;

4. Tiddikjara xjolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tordna li l-istess oggetti formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti jigu maqsuma f' zewg porzjonijiet li jigu assenjati lill-kontendenti, liema porzjonijiet ghandhom jigu komposti billi tigi stabbilita data bhala d-data meta l-intimat jigi kkonsidrat li jkun hati tal-firda b'tali mod li hu jitlef kull jedd ghal kull akwist maghmul bil-hila tal-esponenti skont il-ligi, u dan okkorrendo b'opera ta' perit nominandi sabiex jillikwida l-istess komunjoni, u billi jigi nominat nutar sabiex jircievi l-att relattiv, kif ukoll kuratur biex jirraprezenta lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att;

5. Takkorda manteniment xieraq skont il-ligi ghall-esponenti;

6. Tapplika kontra l-intimat interament jew in parti d-dispozizzjonijiet tal-Artikoli 48 sa 53 tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta);

7. Tawtorizza lill-esponenti tirriverti ghal kunjomha xebba u cioe' l-kunjom "Azzopardi";

8. Tezenta lill-esponenti milli tkun responsabbli ghal dejn li l-konvenut ghandu jew jista' jkollu;

Bl-ispejjez kontra l-intimat ingunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat li b'digriet tal-5 ta' Awissu 2014, gew nominati Dr Anthony Stellini u l-PL Quentin Tanti bhala kuraturi sabiex jirrapprezentaw lill-konvenut assenti minn Malta.

Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati ipprezentata fil-11 ta' Novembru 2014, li permezz taghha eccipew:

1) Illi l-esponenti mhux edotti mill-fatti u jirrizervaw illi jissottomettu risposta ulterjuri malli jkunu jafu bil-fatti kollha.

2) Illi ghar-rigward it-tielet talba, l-attrici trid tipprova mhux biss li zewgha C D E B abbanduna lill-attrici billi telaq minn Malta u ghadu assenti, imma wkoll li hu ma telaqx ghar-ragunijiet ohra validi fil-ligi;

3) Illi ghar-rigward tar-raba` talba, irid jigi ippruvat mill-attrici li somma sostanzjali ta' dejn li hi qieghda tghid li qed thallas, ghamilha l-intimat minghajr il-kunsens tal-attrici u ma saretx bil-kunsens taz-zewg partijiet u fiz-zmien li kien japplika r-regim tal-komunjoni tal-akkwisti skont il-ligi;

4) Illi ghar-rigward tal-hames talba, l-attrici trid tipprova li l-fond "Degla", Triq l-Ghaxra ta' Settembru, Qormi huwa propjament propjeta` parafernali tal-attrici u serva bhala dar matrimonjali fiz-zwieg tal-partijiet.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attrici pprezentata fil-31 ta' Awwissu 2016.

Rat id-decizjoni moghtija kontestwalment li permezz taghha giet akkolta t-talba tal-attrici sabiex il-Qorti tqis it-talba ghas-separazzjoni bhala talba ghal divorzju ai termini ta' l-Artikolu 66F tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha.

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:

**Provi**

Xehdet bil-mezz tal-affidavit **Stephanie Flood** (fol 25), habiba tal-attrici, li qalet inter alia, illi ilha taf lill-attrici numru ta' snin u kemm damet mizzewga lill-konvenut ghexet zmien mizerabbli. Tghid li l-konvenut kellu aspetti differenti minn kif deher qabel iz-zwieg, u kien ragel ghazzien tant li l-attrici hadmet biex hallset il-kontijiet taghhom tad-dar. Tghid li l-konvenut kellu wkoll il-vizzju tal-loghob tal-azzard li wassal ghal problemi finanzjarji. Tghid ukoll li kien informa lill-attrici illi ma riedx ikollu tfal u dan wara li kien ilhom xhur mizzewga.

Xehdet bil-mezz tal-affidavit **Margaret Azzopardi** (fol 27) omm l-attrici, illi qalet inter alia li ma setghetx tinduna minn xiex kienet ghaddejja bintha ghaliex ma urietha xejn biex ma tinkwetahiex. Tghid li pero` kienet indunat li finanzjarjament kienet baghtuta ghaliex id-dar kienet baqghet vojta. Tghid li darba binha qalilha li l-attrici kienet tinstab fi problema kbira minhabba d-dejn li hallielha zewgha. Tghid ukoll li l-attrici dejjem xtaqet it-tfal u kienu marru jaghmlu xi testijiet izda l-konvenut qatt ma ried jiehu kura.

Xehed hu l-attrici **Simon Azzopardi** bil-mezz tal-affidavit (fol 28), illi qal inter alia, illi darba l-konvenut kien cemplilhom biex jissellef xi flus u peress illi l-attrici kienet taf b'dan, huma selfuhomlu izda ghadhom sal-lum ma rawhomx lura. Jghid li ftit wara li l-konvenut kien telaq minn Malta kien mar sa hdejn ohtu u sabha tibki u gharrfitu li l-Bank ried jehdilha d-dar u li kienet qed tahsibha taghmilx suwicidju. Jghid li bl-ghajnuna tal-genituri, hija ssellfet il-flus biex tkopri l-bank u ma haduliex id-dar.

Xehdet **Josianne d'Anastasi** bil-mezz tal-affidavit (fol 29) illi qalet inter alia illi hija ilha taf lill-partijiet ghal madwar tmien snin u kien hemm bosta drabi meta hi u zewgha hargu maghhom bhala koppja. Tghid li zewgha hadem ma' C izda ma kienx ihallsu. Tghid li l-konvenut qatt ma kellu flus biex ihallas kontijiet, anke tal-van Transit li kellu u l-attrici dejjem hallset id-djun tieghu. Tghid li madwar erba` snin qabel l-attrici marret tibki ghandha li zewgha kien telaq minn Malta.

Xehdet **Moira Camilleri**, oht l-attrici, bil-mezz tal-affidavit (fol 30) li qalet inter alia, illi l-konvenut dejjem ried jaghmilha tal-'imghallem' u s-'sinjur' u kien ihaddem lin-nies u meta ma jibqa` xejn qliegh jibqa` jhaddem flok jahdem hu. Tghid li ghaddiet minnha meta inkarigatu hi stess b’xi xoghol, u iktar hadem ir-ragel taghha u l-lavranti milli hadem hu ghaliex kien bniedem ghazzien. Tghid li kien jidhaq bihom li huma bil-ghaqal u biezlin u hu kien mohhu biss jibdel il-mobile kull jumejn u jaghmilha ta' fanfarun. Kien dejjem izomm persuntu pulita u kien jghid li mhux se jhalli lil ohtha tahdem wara z-zwieg izda kienet hi li kellha

tahdem. F'Settembru 2010 iddecieda li jaqbad u jitlaq minn Malta u halla hafna djun lill-attrici.

L-**attrici** xehdet permezz tal-affidavit ipprezentat fl-20 ta' Novembru 2014 (fol 32) fejn fost affarijiet ohra qalet illi fl-ewwel tliet snin taz-zwieg kollox kien miexi sew, izda mbaghad l-konvenut iltaqa` ma' kumpanija hazin u sfrattawh u minflok jahdem hu kien jitfa` il-haddiema fuq ix-xoghol u hu jmur jorqod. B'hekk, il-flus li jdahhal kien ihallashom lill-haddiema u d-dejn baqa` tiela`. Tghid li d-dar matrimonjali xtratha qabel iz-zwieg bid-dejn mal-HBSC, u darbtejn kellhom ultimatum illi jekk ma kienux ser ihallsu l-arretrati, kienet ser tinbiegh bl-irkant. Tghid li biex ihallas id-dejn zewgha ssellef somma flus minghand habib tieghu fejn hemm il-firma taghha wkoll. Tghid li t-tnejn li huma kellhom problema u grew ghand hafna professuri biex ikollhom it-tfal izda fl-ahhar il-konvenut kien qal li ma jrid jaghmel xejn u li ma jridx ikollu tfal. Tghid li l-affarijet bdew sejrin ghall-aghar meta beda jilghab il-flus u aktar kien jitlef milli jirbah. Tghid li minn hemm id-dejn beda jizdied u qatt ma kellhom flus biex jaghmlu xejn fid-dar. Imbaghad zewgha ltaqa` ma' xi hadd li ssuggerilu jmur il-Libya u filfatt f'Settembru 2010 huwa halla Malta u ma sematx iktar b'ahbaru. Tghid li kellha tibda tahdem 14-il siegha kuljum sabiex thallas id-dejn li kien ghamel zewgha.

Waqt is-seduta quddiem l-Assistent Gudizzjarju tad-19 ta' Jannar 2015, xehdu **Audrey Ghigo** mill-HSBC u **Joseph Caruana** mill-BOV, li pprezentaw statements dwar il-kontijiet bankarji tal-attrici, Dok AG1-AG7 u Dok JC1-JC3 rispettivament.

Waqt is-seduta quddiem l-Assistent Gudizzjarju tad-29 ta' Frar 2016, xehdet **Joanna Bartolo** mill-BOV li pprezentat statements ta' zewg kontijiet f'isem l-attrici wahedha (Dok JB1 u JB2), wiehed ta' Savings Account li ghadu miftuh u l-iehor term account li nghalaq. F'isem il-konvenut sabet current account li huwa maghluq (Dok JB3). F'isem iz-zewg partijiet flimkien ipprezentat statement ta' loan account wiehed li hu maghluq ghaliex il-loan thallas fil-25 ta' Frar 2005 (Dok JB4).

Waqt l-istess seduta xehdet **Audrey Ghigo** mill-HSBC li pprezentat statement ta' savings account f'isem il-konvenut li ghadu miftuh b'zero balance (Dok AG8), current account li nghalaq fl-4 ta' Mejju 2010 (Dok AG9), current account li nghalaq fit-3 ta' Gunju 2005 (Dok AG10) u credit card li nghalqet fl-14 ta' Novembru 2008 (Dok AG11). Ezebiet wkoll statements ta' kontijiet f'isem il-partijiet flimkien Dok AG12, AG13, AG14, AG15, AG16. Hija pprezentat ukoll statement iehor Dok AG17 li huwa addenda ma' Dok AG7 a fol 223.

Permezz ta' nota a fol 272 l-attrici tipprezenta vera kopja tal-kuntratt ta' akkwist tal-fond li jinsab fi Triq l-10 ta' Settembru 1456, Qormi li serva bhala dar matrimonjali tal-partijiet.

Il-konvenut kif rapprezentat ma ressaq ebda provi.

**Kunsiderazzjonijiet**

**Responsabbilta' ghat-Tkissir taz-Zwieg**

Mill-provi prodotti m'hemmx ombra ta' dubju li ghat-tkissir taz-zwieg ta' bejn il-partijiet jahti unikament il-konvenut, u dan senjatament minhabba abbandun. Mix-xhieda tal-attrici u tal-qraba u hbieb taghha li ma gewx kontradetti, jirrizulta illi fis-sena 2010 il-konvenut telaq mid-dar matrimonjali minghajr gustifikazzjoni u minn dak iz-zmien 'l quddiem ma wera ebda interess lejn martu. Jirrizulta wkoll illi halla warajh djun rizultanti mill-gestjoni tan-negozju tieghu kif ukoll mill-loghob tal-azzard li kien spicca vittma tieghu fl-ahhar zminijiet tal-hajja matrimonjali.

Ghaldaqstant, il-Qorti qed issib lill-konvenut unikament responsabbli ghat-tkissir taz-zwieg ta' bejn il-partijiet.

**Sanzjoni**

L-Artiklu 41 tal-Kap 16 jipprovdi:

*"Kull waħda mill-partijiet miżżewġa tista' wkoll titlob il-firda jekk, għal sentejn jew iżjed, tkun abbandunata mill-oħra, mingħajr raġuni tajba."*

L-Artiklu 48 tal-Kap 16 jipprovdi:

*"(1) Il-parti, ir-raġel jew il-mara, illi tkun il-ħtija tal-firda għal waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef - (a) il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827;*
*(b) dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-oħra b'donazzjoni bi ħsieb taż-żwieġ, jew waqt iż-żwieġ, jew taħt titolu ieħor gratuwitu;*

*(ċ) kull jedd ta' parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara data stabbilita mill-qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkun kunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu biex jiġi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-ħidma ta' waħda mill-partijiet fiż-żwieġ, għandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taż-żewġ partijiet skont l-artikolu 3;*

*(d) il-jedd li iġġiegħel lill-parti l-oħra, f'kull każ, li tagħtiha l-manteniment bis-saħħa tal-obbligu li jitnissel miż-żwieġ.*

*(2) Il-ħwejjeġ imsemmijin fis-subartikolu (1)(b) jerġgħu jmorru għand il-parti l-oħra, u l-akkwisti msemmijin fil-paragrafu (ċ) ta' dak is-subartikolu jibqgħu kollha għal din il-parti, bla ħsara tal-jeddijiet li l-ulied jew terzi persuni oħra jkunu kisbu fuq dawk l-istess ħwejjeġ qabel ma s-sentenza tal-firda tkun ġiet imniżżla fir-Reġistru Pubbliku."*

Bis-sahha tal-artikoli appena citati il-Qorti qed tiddikjara illi gialadarba sabet lill-konvenut hati ta' abbandun u unikament responabbli ghat-tifrik taz-zwieg ta' bejn il-partijiet, tikkommina fil-konfront tieghu is-sanzjonijiet kollha kontemplati fl-artikolu 48 tal-Kap. 16, u dan b'effett minn Settembru tas-sena 2010, u cioe` x-xahar li fih jirrizulta mill-provi li huwa abbanduna id-dar konjugali u ma ghamilx ritorn.

**Manteniment lill-attrici**

L-artiklu 3 tal-Kap 16 jipprovdi illi:

*"Il-partijiet fiz-zwieg ghandhom l-obbligu, kull wahda minnhom skont il-mezzi u l-hila taghhom, li jahdmu kemm fid-dar kif ukoll barra mid-dar kif jinhtiegu l-interessi tal-familja, li jmantnu lil xulxin u jikkontribwixxu ghall-htigijiet tal-familja."*

L-attrici xehdet illi minn mindu l-konvenut telaq mid-dar matrimonjali hija kienet kostretta tahdem u tistinka sabiex thallas id-djun li halla warajh il-konvenut, b'sagrificcji u stress psikologiku kbira ghaliha. Minn mindu telaq mid-dar f'Settembru 2010, ma taha ebda ahbar sakemm skont in-nota taghha a fol 249 tfacca l-hanut taghha u wera r-rieda li jitlob ghal stat ta' refugjat sabiex ikun jista` jibqa` hawn Malta. Jirrizulta wkoll li lanqas ma sab mod kif ikun ta' sostenn finanzjarju lil martu minn Settembru 2010 lil hawn.

Ferm il-premess, mill-atti ma jirrizultax jekk il-konvenut ghandux xi tip ta' dhul prezentement. Pero`, lanqas ma jirrizulta mill-atti ghaliex il-konvenut m'ghandux ihallas manteniment ghal martu tenut kont ukoll illi huwa unikament responsabbli ghat-tkissir taz-zwieg bejniethom.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, l-attrici titlob li l-Qorti tiffissa s-somma ta' mitejn u hamsin Euro (€250) kull xahar bhala manteniment pagabbli lilha mill-konvenut. Din il-Qorti sejra tghaddi sabiex takkolji t-talba taghha u tiffissa s-

somma mitluba bhala manteniment pagabbli mill-konvenut lill-attrici kull xahar, li tizdied kull sena, skont l-indici tal-gholi tal-hajja.

**Komunjoni tal-Akkwisti**

Il-Qorti tibda billi tosserva illi mill-provi jirrizulta illi d-dar matrimonjali tal-partijiet, il-fond 'Degla', Triq l-10 ta' Settembru, Qormi, inxtrat mill-attrici qabel iz-zwieg u ghalhekk hija parafernali taghha.[1]

Mix-xhieda tal-attrici jirrizulta li l-partijiet ma ghandhom l-ebda proprjeta’ komuni, la immobbli u lanqas mobbli peress li d-dar matrimonjali hija parafernali taghha u minhabba l-problemi finanzjarji li gab b'idejh il-konvenut, il-partijiet ma ghamlu ebda akkwist fiz-zwieg.

Jonqos biss illi ssir l-assenjazzjoni tal-kontijiet bankarji tal-partijiet. Jirrizulta illi l-partijiet ghandhom zewg loan accounts komuni li ghadhom miftuhin, u li taghhom gew esebiti l-istatements Dok AG 16[2] u Dok AG 17[3]. Fis-sottomissjonijiet taghha, l-attrici titlob li jigi dikjarat li d-dejn li sar fiz-zwieg ghandu jkun a karigu taz-zewg partijiet, u l-esponenti ghandha dritt illi titlob lura minghand il-konvenut nofs il-hlasijiet minnha maghmula fuq dejn appartenenti lill-komunjoni tal-akkwisti. Il-Qorti qeghdha takkolji tali talba.

Il-facilitajiet bankarji mehuda mill-partijiet qabel iz-zwieg ghandhom ikunu a karigu assolut ta' dik il-parti li tkun hadithom, filwaqt li l-kontijiet bankarji li huma f'isem parti minnhom qed jigu dikjarati bhala propjeta` assoluta ta' dik il-parti li f'isimha jkun il-kont bankarju. Kwalsiasi bilanci ta' flus li jista` jkun hemm fil-kontijiet kongunti bejn il-partijiet ghandhom jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet.

**Kunjom l-attrici**

L-attrici titlob illi tigi awtorizzata tirreverti ghal kunjom xbubitha. Il-Qorti qieghda takkolji t-talba u tawtorizza lill-attrici tirreverti ghal kunjomha xebba “Azzopardi”.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi, taqta’ u tiddeciedi din il-kawza billi tiddisponi mir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati u tiddeciedi t-talbiet attrici bil-mod kif gej:-

---

1 Vide Dok FF1 a fol 273
2 Fol 495
3 Fol 502

1) Tilqa’ l-ewwel talba attrici kif konvertita u tiddikjara li z-zwieg ta’ bejn il-partijiet tkisser għal raġunijiet imputabbli unikament lill-konvenut minhabba abbandun. Ghalhekk tordna l-ħall taż-żwieġ tal-partijiet skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 66 tal-Kodiċi Ċivili u tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex ai termini tal-artikolu 66A (4) tal-Kapitolu 16 javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet zmien ghaxart ijiem utili minn meta din is-sentenza ssir res judicata;

2) Tilqa` t-tieni talba u tiddikjara li l-konvenut iddekada minn kull dritt li jitlob manteniment minghand l-attrici;

3) Tilqa' t-tielet talba u tiddikjara li l-fond 'Degla', Triq l-Ghaxra ta' Settembru, Qormi, li serva bhala dar matrimonjali ghal partijiet, huwa parafernali tal-attrici;

4) Tiddikjara xjolta l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet b'dan illi l-kontijiet u l-facilitajiet bankarji tal-partijiet ghandhom jigu assenjati bil-mod deskritt iktar 'l fuq fil-parti intestata 'Komunjoni tal-Akkwisti'.

5) Tilqa` l-hames talba u tordna lil-konvenut ihallas lill-attrici bhala manteniment ghaliha s-somma ta' mitejn u hames mitt Euro (€250) fix-xahar, b'effett mil-lum, li jizdiedu kull sena skont l-indici tal-gholi tal-hajja.

6) Tapplika kontra l-konvenut id-disposizzjonijiet tal-artikolu 48 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta, b'effett minn Settembru 2010.

7) Tawtorizza lill-attrici tirreverti ghal kunjom xbubitha` 'Azzopardi'.

8) Tilqa` t-tmien talba.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut b’dan illi l-ispejjez tal-kuraturi deputati ghandhom jithallsu provvizorjament mill-attrici.

**Imhallef** **Deputat Registratur**